MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 40/2006

**Maria Dolores sive Doris Debono**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fil-5 ta` Lulju, 2006, li in forza tieghu r-rikorrent wara li ppremettiet illi:

Hija tipposjiedi art f`Marsaskala li l-provenjenza tal-akkwist taghha qed tigi esebita ma` dan ir-rikors bhala prova tal-proprjeta` (Dok *"X"* et).

Fl-1995 u precizament fid-19 ta` Ottubru, 1995, l-esponenti kienet intavolat kawza kontra certi Alfred u

Doris konjugi Galea peress li l-attrici dak inhar kienet qed tippremetti li l-konjugi Galea kienu nvadew il-proprjeta` taghha, u kienet talbet lill-Qorti biex tirintegraha fil-pussess tal-istess proprjeta`. Din kienet ic-citazzjoni Numru 1555/95 G.V. li kienet appuntata ghall-ewwel seduta tal-31 ta` Jannar tal-1996.

Dina l-kawza kienet giet deciza favur l-attrici, ir-rikorrenti odjerna, fil-15 ta` Dicembru, 2003 – Dok *'A'* – wara li nzammu diversi seduti quddiem il-Qorti Civili Prim Awla (mhux inqas minn tmienja u ghoxrin seduta – Dok *'B'* -) u wara diversi seduti quddiem periti teknici, stante li spiccat quddiem periti perizjuri, b`kollox tnejn u ghoxrin seduta u mhux inqas minn inqas minn tlett accessi.

Wara s-sentenza tal-15 ta` Dicembru, 2003, tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-konjugi Galea kienu appellaw wara li bidlu l-avukat difensur ghal erba` darbiet, haga li kkawzat dewmien b`dannu ghall-attrici, illum rikorrenti. Il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tal-konjugi Galea u hassret is-sentenza tal-Prim Istanza tal-15 ta` Dicembru, 2003 (Ara Dok. *'C'*).

Ir-rikorrenti hassita aggravata bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u kien deherilha illi l-Qorti ma kienitx hadet konjizzjoni sewwa tal-kaz kif inkwadrat mill-esponenti, billi fis-sentenza kien hemm zball ta` fatt u ta` ligi, u ghalhekk talbet ritrattazzjoni tal-kawza deciza f`dak l-Appell.

Sussegwentement il-gudikanti fl-appell kienu laqghu t-talba tar-rikuza taghhom, u astjenew milli jiehu konjizzjoni ulterjuri fl-istadju sussegwenti fit-talba tar-ritrattazzjoni.

Rrizulta wara, li n-nomina tat-tlett gudikanti alternattivi fit-talba ghar-ritrattazzjoni proprja, kienu saru mill-President tar-Repubblika ***kif rakkomandat*** lilu ***mill-President tal-Qorti tal-Appell li kien ghadu kemm astjena mis-smiegh tal-kawza ta` ritrattazzjoni u li kien iddecieda l-Appell. (Ara Dok. "D"***. **Dan hu wiehed mill-aggravji tar-rikorenti f`dan ir-rikors.**

Ir-rikorrenti qed issostni illi l-ezitu tat-talba ahharija dwar it-talba ghar-ritrattazzjoni ma kienx wiehed xieraq u gust u b`dan ir-rikors qed tghid li hemm ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem meta kien hemm nuqqas ta` smiegh xieraq u nuqqas ta` smiegh u decizjoni gusta fi zmien ragonevoli.

Kif indikat fuq, il-kawza in kwistjoni damet sejra tmien snin u xahrejn, mid-19 ta` Ottubru, 1995 sal-15 ta` Dicembru, 2003, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Dak illi gie deciz fil-kawza, u cioe` jekk il-proprjeta` tal-art mertu tal-kawza kienx tal-attrici jew le, sar wara stharrig minn Perit nominat originarjament mill-Onorabbli Qorti u stharrig ulterjuri minn tlett Periti ohra f`Perizja Perizjuri nnominati mill-Qorti wkoll, gie mibdul mill-Qorti tal-Appell b`manjira xejn studjata u nuqqas serju ta` studju tad-dokumenti ezibiti.

Di fatti kienet l-istess Qorti tal-Appell illi fis-sentenza taghha rrijavizat li l-Prim Awla kienet ***‘naqset serjament kemm fis-sentenza kif ukoll fil-process kollu kemm hu’. (pag. 8, l-ahhar paragrafu tas-sentenza tal-Appell*** u illi naqset li taghmel l-apprezzament illi hi kellha taghmel u, skond l-istess Qorti tal-Appell, l-ewwel Qorti kien missa mal-ewwel rat jekk il-proprjeta` kienitx fil-fatt tal-attrici t`allura, illum rikorrenti.

Li kieku il-Gudizzju tal-Qorti tal-Appell kien korrett, li l-esponenti tghid li ma kienx, ghax cahhada mill-proprjeta` taghha, kieku m`hemmx dubju ta` xejn illi r-rikorrenti ghandha ragun tghid illi hija sofrit frustrazzjoni u nkonvenjent kbir u inutli tul it-8 snin u xahrejn tas-smiegh tal-kawza fil-Prim Istanza u ghaxar xhur ohra biex giet deciza mill-Qorti tal-Appell u hmistax il-xahar biex tinghata decizjoni dwar it-talba ghar-ritrattazzjoni, perijodu komplessivament ferm eccessiv ta` izjed minn ghaxar snin.

Dan, tesponi bir-rispett ir-rikorrenti, hu ferm skordanti mal-proceduri kriminali li hadet kontra Galea meta qabad u dahal b`padronagg assolut fuq il-bqija tal-art taghha. Fi

ftit zmien il-Qorti tal-Appell Kriminali, konvinta mid-dokumenti lilha forniti, accettat it-titolu tar-rikorrenti u kkundannat lil Galea biex johrog mill-art tar-rikorrenti. (Dok *'E'* – Kopja Sentenza Appell Kriminali).

Huwa utli li jigi osservat illi fil-kawza Civili (Sede Kostituzzjonali) minn Nicholas Debono vs Registratur Principali tal-Qorti et (Rikors Numru 28/02 JRM), decizjoni moghtija fid-19 ta` April, 2003, favorevoli ghall-attur, f`dik il-kawza, giet mibdula mill-istess Qorti tal-Appell Kostituzzjonali komposta minn tnejn mit-tlett gudikanti, fuq bazi ta` pronunzjament zbaljat mill-Qorti tal-Prim Istanza. In fatti l-istess Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju, 2003, dwar l-istess rikors, kienet irrimarkat dawn il-precizi rimarki u cioe`;

***"Din il-Qorti ma tistghax ma tirrimarkax li min issuggerixxa l-introduzzjoni ta` dan it-terminu ta` sitt xhur huwa kompletament distakkat mir-realta` tas-sistema gudizzjarja taghha"***. Dan il-gudizzju, umilment tissottometti l-esponenti, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha tas-7 ta` Frar, 2006, iddecidiet li fil-kaz kien hemm ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u li kien hemm ksur tal-provvediment tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li taghha Malta hija firmatarja.

Allura ssaqsi l-esponenti, fir-rigward tal-gudizzju moghti fit-talba ghar-ritrattazzjoni, kienx hemm zball meta gie ravvizat illi l-gudizzju tal-Qorti ma setghax jigi sindakat? Dana peress illi hekk inghad fis-sentenza tal-15 ta` Frar, 2006, dwar it-talba ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Appell (Pagna 23, it-tielet paragrafu) 'minn dan jidher car li hawn ma hawn l-ebda zball materjali – ir-ritrattandi qed tilmenta fuq l-apprezzament li l-Qorti ghamlet tal-provi u l-interpretazzjoni maghmula mill-gudikant. Dawn ma jistghux jiffurmaw il-bazi ta` ritrattazzjoni ghaliex 'costituiscono l`insindacabile convincimento del giudice'.

Dana qed jinghad ghaliex il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-pronunzjament maghmul nhar is-7 ta` Frar, 2006, fl-applikazzjoni numru 34539/02 iddecidiet kontra dak li kien deciz mill-Qorti Superjuri Nazzjonali, liema

decizjoni wkoll kienet tikkostitwixxi l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. Il-konsegwenza prattika hija, u tfisser, li kieku l-applikant ma hax il-kaz tieghu quddiem dik il-Qorti Ewropea, kien jibqa` bis-sentenza kontrih ghax l-azzjonijiet lokali kienu ezawriti u li kien ghal dawk il-gudikanti l-ahhar decizjoni taghhom, suppost insindakabbli, tellfitu kollox.

Fil-kaz imressaq ghall-konsiderazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, ikun opportun illi wiehed jinnota illi ghalkemm il-provi mehtiega biex il-gudikant seta` jaghraf min kienet il-proprjetarja vera tal-art in litigazzjoni, xorta ddecidiet kontra t-talbiet taghha, liema talbiet kienu diga` gew milqugha, in parti, mill-Qorti tal-Prim Istanza. Dan jinghad ghaliex kieku kien veru li fid-divizzjoni tal-proprjeta` bejn l-ahwa Debono, il-porzjoni tal-art li giet assenjata lir-rikorrenti ma kienetx taqbel ezatt fil-kejl (u ghalhekk sussigwentement sar l-att korrettorju) ir-rikorrenti xorta kien jibqala` it-terz tal-art rimanenti.

Anke l-Qorti Rikostitwita ta` l-Appell biex tindaga t-talba ghar-ritrattazzjoni, biex waslet ghad-decizjoni taghha li ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni hadet, jigi umilment sottomess, linja facli li, wara li dehrilha li m`hemm xejn hazin li tmur kontra l-gurisprudenza f`sentenzi moghtija mill-istess Qorti konsistenti minn tnejn mit-tlett gudikanti f`din it-talba ghal ritrattazzjoni, (f`kawzi simili) ddecidiet li l-gudikant f`dak l-appell kellu r-raguni validi tieghu biex jasal ghad-decizjoni li wasal ghaliha. Dan minkejja li dik il-Qorti kienet qed tiddeciedi kontra l-gustizzja li hija qeghda hemm biex tissorvelja, tfittex u tapplika. Dan jinghad ghax l-esponenti ghada tal-konvinciment illi dik il-Qorti tal-Appell ikkommettiet zball lampanti dwar fatt.

Illi jinghad fis-sentenza li:

*“Qui si e` in tema di ritrattazzjoni, e tale rimedio non si da per qualunque caso di vero o supposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diretto, ma solo in quei casi tassattivament stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita del guidicato che solo puo`*

*mettere fine alle liti, poiche` l`autorita` della cosa guiducata importa grandemente alla sicurezza civile”*.

Il-Qorti dehrilha li r-ritrattandi kellha tghid liema artiklu kellu jigi applikat minflok dal applikat mill-Qorti tal-Appell. Izda wiehed jinnota illi l-istess Qorti fis-sentenza taghha ma qalet xejn dwar taht liema ligi (artiklu u kodici) hija bbazat il-gudizzju taghha.

It-termini *‘actio rei vendicatoria’* u *‘Actio Publicana’* li gew introdotti mill-Qrati taghna permezz tad-duttrina u l-ligi rumana u tal-gurisprudenza nostrana, m`humiex, *ut sic*, imsemmija fl-ebda artiklu tal-ligi fl-Istatut taghna. Jekk il-Qorti applikat il-gudizzju taghha fuq artiklu tal-ligi taghna, hi wkoll jmissa qalet taht liema ligi bbazat il-gudizzju taghha. Ghax fil-gudizzju il-Qorti hija dovuta taghti ir-ragunijiet li ghalihom qed tiddeciedi hekk. **(Art 218 Kap 12)**. Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti ma setghetx espressament tindika liema ligi kellha tigi applikata minflok dik illi tahta giet ippronunzjata s-sentenza ghax din ma indikatix lanqas. Hekk hi ghamlet ezatt kif ghamlet il-Qorti tal-Appell u uzat il-kliem *‘Actio Pubblicana’* biex tindika liema linja kellha tiehu l-Qorti f`dak il-kaz. Dan kien konformi ma` sentenza ohra moghtija mill-gudikanti sedenti fit-talba ghar-ritrattazzjoni f`kawzi simili u li dwarhom jinghad f`dan il-gudizzju ahhari illi: Il-principju kif citat mir-rikorrenti gew zviluppati mill-Qrati taghna – ma jfissirx izda illi ghaliex din il-Qorti kellha opinjoni diversa minn dawn l-awturi hija applikat il-ligi hazina ghall-vertenza odjerna (Ara 4.4 Pagna 19 Dok *‘F’*).

L-parti l-ohra fil-kawza originali, b`eccezzjoni kienet avvanzat it-titolu tal-art in litigazzjoni u kien ghalhekk li l-esponenti ssostni li l-Qorti kellha tadotta l-inverzjoni tal-provi.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex taghti il-provvedimenti opportuni wara li tiddikjara:

1. Ir-rikorrenti ma inghatatx smiegh xieraq fi zmien ragonevoli minhabba it-tul ta` zmien illi hadu l-proceduri,

(l`hinn minn 10 snin) u dan mhux tort taghha. (Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 Tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem).

2. Dan konsegwentement ikkawza inkonvenjent u frustrazzjoni bla bzonn lir-rikorrenti u taghhom ghandha tinghata kumpens xieraq kif jidhrilha din l-Onor. Qorti.

3. Ma kienx hemm smiegh xieraq mill-Qorti tal-Appell stante li minkejja l-provi kollha dokumentarji li jippruvaw it-titolu tar-rikorrenti dawn ma ttehdux in konsiderazzjoni.

4. Bil-gudizzju tal-Qorti tal-Appell ir-rikorrenti sofriet danni sostanzjali li jikkonsistu, f`telf ta` proprjeta`, fi spejjez gudizzjarji, legali u professjonali u f`telf ta` hin u skarigg ammontanti ghal eluf ta` liri Maltin (Taxxa – Dok. *'G'*).

5. Dana bl-ispejjez wkoll tal-prezenti procedura u dawk konnessi mal-kawzi msemmija f`dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Kwantu ghall-ewwel u t-tieni talba tar-rikors promotur illi jittrattaw dwar allegat nuqqas ta` rispett ghad-dritt tas-smiegh xieraq minhabba dewmien fis-smiegh ta` kawzi irid isir ezami ta` kemm damet kull kawza f`kull stadju u tar-ragunijiet relattivi sabiex ikun jista` jigi determinat jekk ir-rikorrenti sofrietx lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba dewmien. Illi f`dan l-esercizzju t-talba ghar-ritrattazzjoni trid titqies separatament peress illi r-ritrattazzjoni fil-fatt tikkostitwixxi kawza gdida illi permezz taghha tintalab li tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza originali. Illi l-esponent ma kellux l-opportunita` illi jaghmel dak l-esercizzju fiz-zmien illi huwa kellu ghad-dispozizzjoni tieghu biex jagheml din ir-risposta.

2. In kwantu huwa allegat illi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-meritu u dwar it-talba ghar-ritrattazzjoni gew decizi skorrettement, din it-talba taqa` barra l-ambitu tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 stante li m`hijiex il-funzjoni ta` din il-Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha illi tirrevedi sentenzi taghha stess jew ta` Qrati ohra biex

tiddetermina jekk dawn gewx decizi korrettement sakemm dawk l-allegati skorrettezzi fihom infushom ma jkunux attribwibbli ghal, jew ma jkunux iqajjmu, kwistjonijiet ta` nuqqas ta` rispett ghad-drittijiet fondamentali. Illi f`dan il-kaz l-allegazzjonijiet rivolti lejn is-sentenzi in kwistjoni ma jqajjmu ebda kwistjoni ta` nuqqas ta` rispett ghad-drittijiet fondamentali izda l-allegazzjonijiet huma diretti lejn il-meritu u l-kontenut tas-sentenzi.

3. Huwa inawdit illi persuna li titlef kawza mismugha minn Qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b`ligi titlob kumpens ghall-konsegwenzi tat-telf ta` dik il-kawza minghand il-Gvern kif qeghda taghmel ir-rikorrenti fir-raba` u fil-hames talba tar-rikors promotur. Huwa car illi jekk il-Qrati iddecidew illi r-rikorrenti ma kellha ebda dritt sostantiv kif ippretendiet f`dawn il-kawzi hija ma ghandha ebda dritt ghal kumpens jew danni talli gew konfermat illi hija ma ghandha ebda tali dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-process citazzjoni numru 1555/95, determinat finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, wara procedura ta` ritrattazzjoni, fil-15 ta` Frar, 2006;

Rat l-affidavit ta` Nicholas Debono;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat li l-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti, li kienet attrici fil-kawza citazzjoni numru 1555/95, qed tilmenta mill-iter procedurali tas-smiegh ta` dik il-kawza, u qed tallega li, fil-kors tas-smiegh tal-kawza, gew lezi d-drittijiet fondamentali taghha.

L-ilmenti tar-rikorrenti jistghu jigu kklasifikati taht erba` kategoriji:

(i) id-dewmien fis-smiegh tal-kawza quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili;

(ii) il-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrevokat is-smiegh ta` prim`istanza minghajr, allegatament, studju approffondit tal-kaz;

(iii) ic-cirkustanza li s-surroga quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-procedura ta` ritrattazzjoni, saret fuq rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef, li kien il-President ta` dik il-Qorti li iddecidiet l-appell fl-ewwel kaz; u

(iv) il-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, meta cahdet it-talba taghha ghar-ritrattazzjoni, ma dahletx fil-meritu tal-kaz.

Il-Qorti sejra, issa, tezamina dawn l-ilmenti wiehed wiehed.

Dwar id-dewmien tal-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, jigi ndikat li r-rikorrenti fethet il-kawza fid-19 ta` Ottubru, 1995, u giet deciza minn dik il-Qorti tmien snin wara, u cioe`, fil-15 ta` Dicembru, 2003. Dan it-terminu, pero`, ma jridx jigi ezaminat *in vacuo* u wiehed irid jara jekk kienx hemm hela ta` hin, u f`kaz affirmattiv, lil min hu attribwibbli dan il-hela ta` hin, u n-natura u l-komplessita` tal-kawza li tkun qed tigi mistharga. Kif korrettament josservaw l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb awtorevoli taghhom *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International, The Hague, 1998):*

*"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision*

*as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings. When assessing the reasonableness of the relevant period, the Court applies, according to established case-law, in particular three criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the relevant authorities. Only delays attributable to the State may cause a violation of the reasonable-time requirement".* (p. 446, sottolinear ta` din il-Qorti).

F`dan il-kaz, il-Qorti tara li, fic-cirkustanzi, id-dewmien fis-smiegh tal-kawza ma kienx wiehed irragonevolment twil. Fl-ewwel lok, l-azjoni intentata, li kienet wahda rivendicatoria, kienet komplessa ghax kienet tehtieg ezami ta` kuntratti li jmorru lura ghall-1966 u 1967, u diversi pjanti. Peress ukoll li l-kawza ma kienetx wahda semplici ta` titolu – fejn ikun hemm qbil dwar l-estensjoni tal-art, izda kontestazzjoni dwar il-proprjeta` ta` l-istess – izda kien hemm problemi dwar kejl u qiesien ta` arji superficcjali, kien hemm il-htiega ta` nomina ta` perit arkittet biex jassisti lill-Qorti. Dan fil-fatt, gie mahtur bi skop limitat *"biex jindika l-estensjoni tal-gnien u l-plot mibjugha lill-konvenut u jkejjilha"*. L-inkarigu tal-perit kien wiehed cirkoskritt. Il-hsieb tal-Qorti kien car, u cioe`, li s-smiegh tal-provi jibqa` jsir direttament minnha biex il-kawza ma titwalx izzejjed. Gara, pero`, li l-kawza giet, tista` tghid, *hijacked* mill-partijiet, fis-sens li dawn taw lill-perit tekniku, mahtur b`inkarigu precis u limitat, il-fakolta` li jisma` l-provi kollha fuq il-kaz u jirrelata dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet. Din l-estensjoni tal-inkarigu inghata lill-perit tekniku mill-partijiet stess u minghajr l-kunsens preventiv tal-Qorti. B`hekk il-Qorti sabet li l-perit mahtur minnha biex jindika l-estensjoni ta` bicca art u jkejjilha, gie involut mill-partijiet fi kwistjonijiet li jmorru lil hinn mill-inkarigu moghti lilha. Ir-rikorrenti kienet konxja ta` dan, anzi kollox sar bl-adezzjoni taghha, u f`ebda stadju ma resqet ilment quddiem il-Qorti dwar dak li gara.

Din ic-cirkustanza tat lok ghal dewmien fil-kawza, ghax meta r-rikorrenti accettat li r-rwol tal-perit tekniku jinbidel, minn wiehed biex isir kejl ghall-iehor biex ihejji relazzjoni

fuq il-pretensjonijiet tal-partijiet, mhux biss tat lok ghal dewmien fl-isekuzzjoni tal-inkarigu, izda fethet il-bieb ghal hatra ta` periti addizzjonali fuq talba ta` parti mhux sodisfatta bir-rapport tal-ewwel perit tekniku.

Bl-inkarigu tal-perit tekniku limitat ghal-kejl, ma kienx ikun hemm htiega ta` periti addizzjonali, peress li l-kejl huwa fattwali u hu dak li hu. Darba, pero`, li l-attrici accettat li l-inkarigu tal-perit jigi estiz ghall-smiegh u analizi tal-provi, tat lok ghal nuqqas ta` qbil fuq l-opinjonijiet tal-perit tekniku. Ghalkemm il-Qorti ghandha diskressjoni tahtarx jew le periti addizzjonali, darba giet rinfaccjata b`opinjonijiet teknici li parti fil-kawza ma kienetx qed taqbel maghhom, hija kellha kwazi dmir li tpoggi dawk l-opinjonijiet teknici quddiem tlett periti ohra biex dawn jaghmlu *review* tal-veduti espressi mill-ewwel perit.

Fil-kuntest tal-perizja nfisha, il-Qorti ma tarax li kien hemm xi dewmien attribwibbli lill-Qorti. Kif inghad, l-inkarigu tal-perit tekniku gie estiz mill-partijiet minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti (li sabet ruhha rinfaccjata b`*fait accompli*), u ghalkemm is-seduti mizmuma mill-perit kienu spazjati, f`ebda hin ma tressaq ilment mir-rikorrenti, li f`ebda mument ma insistiet mal-perit u/jew mal-Qorti biex is-seduti jinzammu f`pass aktar mghaggel. Il-perit tekniku zamm 18-il seduta fuq perjodu ta` sentejn u hames xhur, u dawn is-seduti gew maqsuma ugwalment bejn il-partijiet, peress li kien biss fid-9 seduta, u cioe`, dik tal-1 ta` Dicembru, 1997, li r-rikorrenti / attrici ghalqet il-provi taghha. Inoltre, wara li ghalqet il-provi taghha, ir-rikorrenti resqet provi godda fil-31 ta` Awissu, 1998, b`affidavit ulterjuri ta` Charles Mallia, u hekk tawlet iz-zmien biex il-parti l-ohra tghalaq il-kaz taghha.

Il-perit tekniku htieglu wkoll izmomm diversi accessi biex jaghmel il-kostattazzjonijiet mehtiegu, u zamm ukoll numru ta` seduti sabiex jisma l-provi kollha li xtaqu iressqu l-partijiet. Kien hemm xi seduti li gew ikkancellati min naha tal-konvenut, pero`, ir-rikorrenti, oltre li ipprotestat ghall-ispejjez zejda ta` dik is-seduta, ma gabetx ic-cirkustanzi ghall-attenzjoni tal-Qorti, u kwindi ma jistax jinghad li l-Qorti ippermettiet hela ta` zmien.

Il-provi tal-partijiet quddiem il-perit tekniku inghalqu fis-26 ta` Frar, 1999, u l-perit ressaq ir-rapport tieghu fid-29 ta` Marzu, 2000. Meta wiehed iqies il-komplessita` tal-kaz, perjodu ta` sena u xahar ghal presentata tar-rapport ma jistax jitqies irragonevoli.

Wara li r-rapport gie ikkonfermat bil-gurament, il-konvenut talab il-hatra ta` periti perizjuri, u dan peress li hass li l-opinjonijiet tal-perit tekniku ma kienux jaqblu mal-posizzjoni li hu kien qed jiehu fil-kawza. Hawnhekk, fit-3 ta` Gunju, 2000, ingieb a konjizzjoni tal-Qorti l-fatt li l-perit tekniku kien mar oltre l-inkarigu moghti lilu, izda, f`dak l-istadju, l-Qorti ma kellhiex ghazla ghajr li tikkonferma dak kollu li kien sar bi ftehim bejn il-partijiet. Il-periti addizzjonali gew mahtura fl-14 ta` Dicembru, 2000, u dawn ipprezentaw ir-rapport taghhom fit-13 ta` Marzu, 2003. Meta tqies li dawn kellhom jezaminaw il-provi kollha mismugha mill-ewwel perit, il-kuntratti u l-pjanti li kienu gew esebiti il-Qorti ma tarax li perjodu ta` sentejn u tlett xhur huwa wiehed esagerat. Wara li gie ipprezentat ir-rapport tal-periti addizzjonali, il-partijiet talbu u inghataw il-fakulta` li jressqu noti ta` sottomissjonijiet, u l-kawza, fid-29 ta` Ottubru, 2003, thalliet ghas-sentenza li nghatat fil-15 ta` Dicembru, 2003.

Ezaminat dan l-iter processwali, l-Qorti tara li ghal kawzi l-process kollu, l-kawza kienet taht il-kontroll tal-partijiet, li mhux biss iddecidew li jestendu l-inkarigu moghti lill-perit tekniku mahtur mill-Qorti, izda wkoll ippermettew lil xulxin iressqu diversi provi, u ebda naha ma hadet passi biex tillimita jew tikkontrolla l-produzzjoni u s-smiegh tal-provi tal-parti l-ohra. Darba parti tippermetti lill-parti l-ohra tressaq il-provi li trid, il-fatt li l-Qorti, fi stadju tad-decizjoni, tghaddi biex ma tikkunsidrax hafna minn dawk il-provi, ma jistax jitqies bhala hela ta` hin imputtabli lill-istess Qorti.

La darba, minn wara dahar il-Qorti, l-inkarigu tal-perit gie estiz ghas-smiegh tal-provi, u wkoll minn wara dahar il-Qorti, il-partijiet thallew iressqu kull prova li riedu huma, u, f`kull kaz, ma ntalbetx l-intervent tal-Qorti, l-istess partijiet ma jistghux issa jilmentaw dwar dewmien li kkawzaw

huma stess. La l-Qorti u lanqas l-istat ma jistghu ikunu tenuti responsabbli ghal dewmien li huwa attribwibbli ghall-agir tar-rikorrent. L-awturi Harris, O`Boyle u Warwick fil-ktieb taghhom *Law of the European Convention of Human Rights* jghidu hekk (pagna 224):

*"The responsibilites of the applicant in civil cases, whether such a principle applies or not, are only to 'show diligence in carrying out the procedural steps relevant to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening proceedings'…. Nor is a state responsible for delay that results from the conduct of the defendant against whom the applicant brings a civil claim"*.

Kieku kien hemm dewmien esagerat fit-thejjija tar-rapport da parti tal-esperti mahtura, wiehed ikun jista` jattribwixxi xi tort lill-Qorti li tkun *"ippermettiet"* tali dewmien. Dan peress li, darba li l-partijiet ghalqu l-provi, huma ma jkollhomx aktar kontroll fuq l-operat tal-perit, u sta ghall-Qorti tara li dan ma jtawwalx izzejjed biex jikkonkludi r-rapport. L-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb aktar qabel kwotat, jirreferu, f`pagna 448, ghal-kaz deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f`dan is-sens:

*"In the Capuano Case the Italian Government drew attention to the fact that the delays in the proceedings in first instance, which lasted for more than six years, were attributable to the experts, who filed their opinions too late. The Court held the court concerned responsible for the delays in preparing expert opinions"*.

F`dan il-kaz, pero`, ma jirrizultax li, mehud rigward ghall-komplessita` tal-kaz, li l-periti mahtura mill-Qorti ressqu l-opinjonijiet taghhom *"too late"*. Kif inghad, l-ewwel perit tekniku ressaq ir-rapport tieghu fi zmien sena u xahar, u l-periti addizzjonali ghamlu l-istess f`sentejn u tlett xhur, termini li, f`kull kaz, ma jistax jitqies irragonevoli.

Ic-cirkustanzi ta` dan il-kaz, huma ben diversi mill-fatti tal-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta` Jannar, 1995, fil-kawza fl-ismijiet "Manduca vs Onorevoli

Prim Ministru", fejn ksur taz-zmien ragjonevoli gie ravvizat meta l-Qrati kienu hadu aktar minn hdax-il sena biex qatghu l-kwistjoni dwar il-kompetenza o meno tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba`, tul ta` zmien li dik l-Onorabbli Qorti iddeskriviet bhala *"wiehed eccessiv fic-cirkustanzi u ghalhekk aktar ingustifikat"*.

Fil-kawza "Xuereb vs Registratur tal-Qrati et", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Novembru, 2004, dik l-Onorabbli Qorti wkoll ravvizat dewmien esagerat u dan peress li kawza ghall-esekuzzjoni ta` sentenza b`talba ghall-hrug ta` Mandat *in factum*, damet kwazi dsatax-il sena biex tigi deciza.

Fil-kawza "Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Avukat Generali", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Mejju, 2003, instab li kien hemm dewmien quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, peress li l-appell dam xi tlett snin biex jigi appuntat u kwazi hames snin biex jigi deciz; fil-fatt irrizulta li bejn l-14 ta` Novembru, 1996, sa ma nqatghet dik il-kawza kien hemm xejn anqas minn sebgha u ghoxrin differiment, li ghalihom ma kienx hemm xi ragunijiet specjali.

Fic-cirkustanzi meritu ta` din il-kawza, ma hemmx dan it-tip ta` dewmien irravvizat fil-kawzi imsemmija, u din il-Qorti tara li, mehud in konsiderazzjoni l-komplessita` tal-kaz u l-imgieba tal-partijiet, ma kienx hemm dewmien irragonevoli mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-trattazzjoni tal-kawza in kwistjoni.

Kif inghad aktar qabel, wara s-sentenza tal-Prim Awla, il-konvenut interpona appell. L-appell gie appuntat ghat-18 ta` Mejju, 2004, f`liema data saret it-trattazzjoni orali quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Wara dak inhar il-kawza thalliet ghas-sentenza u l-appell gie deciz fid-29 ta` Ottubru, 2004, f`terminu ta` anqas minn sena wara d-decizjoni tal-ewwel Qorti. Ir-rikorrenti mhux qed tallega li l-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell hadu fit-tul (u difficli targumenta hekk meta l-proceduri hadu anqas minn sena), pero`, qed targomenta li d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ittiehdet meta ma

sarx ezami dettaljat tal-kaz u b`mod li jindika li quddiem l-ewwel Qorti sar hela ta` zmien fi smiegh ta` provi irrilevanti.

Il-Qorti trid, hawnhekk, taghti spjegazzjoni zghira ta` dak li gara fil-kawza. Il-kawza in kwistjoni kienet wahda vindicatoria li fiha, minn jippromuowi l-azjoni, irid jipprova t-titolu tieghu fuq l-art. Bhala principju, il-konvenut possessur mhux tenut jipprova titolu, izda jista` jistrieh biss fuq il-pussess. Peress li din il-kawza kienet tikkoncerna proprjetajiet tal-partijiet li kienu, *in parte*, *over lapping*, kellu jsir stharig ta` xi akkwista l-konvenut. Jidher li, fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti saret enfasi akbar fuq it-titolu pretiz mill-konvenut, u dana peress li hu iddefenda ruhu billi allega *"titolu"* fuq l-art in kontestazzjoni, u meta, fil-fehma tal-periti teknici mahtura u tal-istess Qorti, ma irrizultax li l-konvenut seta` jivvanta titolu fuq dik il-porzjoni art, it-talba tal-attrici giet milqugh. L-ewwel Qorti ghamlet dan, pero`, wara li qieset li, fil-fehma taghha, l-attrici ppruvat li l-art meritu tal-kawza hija proprjeta` taghha.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell ma qablitx ma din l-konkluzzjoni. Hi osservat u enuncjat il-principju, ben stabbilit fid-duttrina u l-gurisprudenza lokali, li min iressaq tali azjoni irid, fl-ewwel lok, iressaq prova tat-titolu tieghu fuq l-art in kwistjoni. F`kazijiet ta` din ix-xorta, il-prova trid tkun pjena u konvincenti u din il-prova ma tistax tigi raggunta jekk ir-rivendikant ma jurix titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikat ma jaghmilx din il-prova, il-konvenut m`ghandu bzonn jipprova xejn, ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, il-possessur tal-haga m`ghandux bzonn jiccaqlaq, u kwindi lanqas huwa verament tenut isostni l-eccezzjonijiet li jkun ta` kontra d-domanda tar-rivendikant.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell rat li, f`dik il-kawza, l-attrici ma kienetx ghamlet il-prova tat-titolu taghha, u kwindi ma kienx mehtieg li tezamina t-titolu pretiz mill-parti l-ohra, peress li b`rizultat biss ta` dak in-nuqqas, it-talba attrici kellha taqa`.

Dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma jistax jitqies ezami superficcjali tal-kaz. Hi innotat li l-enfazi li kien sar mill-periti fuq l-akkwist tal-konvenut kien zbaljat, peress li qabel xejn, l-attrici kellha tipprova t-titolu taghha; skond hi kienu, ghalhekk, zbaljati l-periti addizzjonali meta osservaw *"li jikkoncerna din il-kawza huwa l-art li ha b`cens Wheeler* (l-aventi kawza tal-konvenut), *u mhux kemm baqghala l-attrici"* (pagna 15 tar-rapport taghhom). Dan ma jfissirx li, quddiem l-ewwel Qorti, sar hela ta` zmien imputtabli lil dik il-Qorti. Fl-ewwel lok, l-attrici f`ebda stadju ma ilmentat bil-fatt li l-konvenut kien qed igib provi biex isostni l-allegat titolu tieghu, u fit-tieni lok, l-ewwel Qorti ma setghetx a priori izomm lill-konvenut milli jressaq il-provi tieghu, mhux biss ghax hu ibbaza d-difiza tieghu fuq l-allegat titolu tieghu izda ukoll ghax li kieku kien jirrizultala li l-attrici ippruvat b`mod car u konvincenti t-titolu taghha fuq l-art in kwistjoni, (kif fil-fatt, kien jirrizulta fil-fehma taghha) kien ikollha tezamina wkoll it-titolu pretiz mill-konvenut biex tara dak ghandux titolu ahjar. Dak li fil-fatt, ghamlet l-ewwel Qorti. Mhix eskluza l-possibilita` li titolu antik ta` attur, ancorche` kien car, jispicca b`titolu *"ahjar"* tal-konvenut. Fl-opinjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-ewwel Qorti zbaljat meta qieset li, l-attrici irnexxiela tipprova li l-art hi taghha u qalet li fl-atti ma hemm ebda prova konkreta li turi b`mod car li dik il-parti tal-art okkupata mill-konvenut hija effettivament ta` proprjeta` tal-attrici. Veru li hemm gurisprudenza li tghid li, meta f`azjoni reivindicatoria, il-konvenut jiddefendi ruhu billi jecepixxi t-titolu (kif gara f`dan il-kaz) *"huwa jkun qieghed implicitament jirrikonoxxi d-dominju jew titolu tal-attur, izda jkun qieghed jghid illi t-titolu tieghu huwa aktar validu u kwindi skond ir-regoli probatorji 'reus in excipiendo fit actor', din id-difiza timporta li l-konvenut jghaddi ghall-provi tat-titolu tieghu, u jekk ma jirnexxix fil-meritu, ikollha tipprevali l-massima 'melius est non habere titulum quam habere vitiosum'"* (ara "Abela vs Zammit", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta` Mejju, 1962 (Vol. XLVI.II.619) u ukoll il-kawza "Mizzi noe vs Azzopardi et"¸deciza fis-27 ta` Marzu, 1996, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn intqal: *"meta l-konvenut f`azzjoni rivendikatorja ma jiddefendix ruhu bil-pussess imma billi jinvoka favur tieghu titolu fuq il-haga rivendikata ssir*

*impellenti ghall-Qorti li tezamina t-titolu pretiz mill-konvenut. U jekk il-konvenut ma jirnexxilux jipprova t-titolu minnu allegat u jibqa` sokkombenti f`din il-prova, huwa prekluz milli jinvoka favur tieghu l-pussess"*), izda l-fatt li, f`dan il-kaz, l-Onorabbli Qorti tal-Appell dehrilha li ma kellhiex issegwi din il-gurisprudenza, ma jfissirx li dik l-Onorabbli Qorti ittrattat il-kawza b`mod legger jew b`mod li tat lok ghal hela taz-zmien. Il-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell insistiet fuq prova cara tat-titolu reklamat mill-attrici (nonostante d-difiza imressqa), ma jfissirx li sar xi haga bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attrici. Fil-fatt kemm l-ewwel Qorti, kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell fittxew fl-atti ghall-prova tat-titolu tal-attrici; l-ewwel Qorti sabet dan it-titolu u, ghalhekk, ghaddiet biex tezamina t-titolu pretiz mill-konvenut, fil-waqt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma sabetx li l-attrici ippruvat it-titolu taghha u, allura, logikament, kellha tieqaf u, fil-fatt, waqfet hemm. Dan ma jfissirx, pero`, li saret xi haga bi ksur ta` xi dritt fundamentali tar-rikorrenti. Iz-zewg Qrati hadu pozizzjoni li l-kaz kellu jitmexxa billi, l-ewwel, l-attrici tipprova t-titolu taghha, u jekk tirnexxi f`dak l-obbligu, kellu jigi ezaminat jekk il-konvenut kellux titolu ahjar. Ghalhekk, kien mehtieg li z-zewg partijiet iressqu provi dwar it-titolu pretiz taghhom, biex il-Qorti tkun tista` taghmel l-apprezzament taghha tal-provi prodotti. Ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-ewwel stadju tal-kaz kien jirrizulta, u, ghahekk, ghaddiet ghat-trattazzjoni tat-tieni stadju, fil-waqt li ghall-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-ewwel stadju tal-kaz ma giex superat u allura ma kienx jehtiegilha tmur oltre. Iz-zewg Qrati, pero`, ezaminaw bir-reqqa il-provi prodotti, u, partikolarment, it-titolu pretiz mill-attrici, u c-cirkustanza li dawn ma qablux fl-apprezzament li ghamlu tal-provi prodotti, ma jwassal ghall-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi prodotti, kif ghamlet qabilha il-Prim Awla tal-Qorti Civili, u bl-ebda mod ma jista` jinghad li l-apprezzament li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell kien superficcjali jew mhux rizultat ta` hsieb fuq il-kaz. Darba dik l-Onorabbli Qorti *"ikkunsidrat"* il-kaz kif inhu xieraq, ma jistax jinghad li, ghax ir-rizultat kien kontra l-interessi tar-rikorrenti, li hi ma kellhiex smiegh xieraq. Din il-Qorti mhux qieghda hawn biex

tisostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, izda biss biex tara jekk ir-rikorrenti kellhiex jew le smiegh xieraq. Fil-fatt irrizulta li l-Onorabbli Qorti tal-Appell semghet liz-zewg partijiet, ikkunsidrat il-provi u tat id-decizjoni taghha. Dik id-decizjoni hi, ghalhekk, valida u torbot lill-partijiet.

Ir-rikorrenti tirreferi wkoll ghal decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta` Jannar, 2006, li, skond hi, tissufraga t-tezi taghha li l-art hija taghha. Apparti l-fatt, li mhux fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali li tidderimi kwistjonijiet dwar titolu fuq proprjeta`, il-proceduri quddiem il-Qrati Kriminali kienu in konnessjoni ma akkuza ta` *raggion fattasi* biss, u biex tiddeciedi fuq din l-akkuza, ma kellhiex bzonn, u fil-fatt ma ikkunsidratx, kwistjonijiet dwar titolu ta` proprjeta`. Dik l-akkuza hija immirata ghal min jiehu b`idejh xi dritt li jippretendi li ghandu, u l-indagini tal-Qorti Kriminali huwa limitat ghall-agir disturbattiv tal-pussess biss, u dawk il-Qrati ma jinvolvux ruhhom fl-esistenza o meno fid-drittijiet rispettivi tal-partijiet. Kwindi, dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali bl-ebda mod ma jista` jitqies li hu ta` rilevanza ghad-drittijiet reciproci tal-partijiet.

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tilmenta dwar il-mod kif saret is-surroga quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, u dan fid-dawl ta` proceduri ta` ritrattazzjoni li hi bdiet fl-20 ta` Jannar, 2005, u li gew konkluzi b`sentenza tal-15 ta` Frar, 2006. Meta nghatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta` Ottubru, 2004, dik l-Onorabbli Qorti kienet komposta mis-Sinjura Tieghu l-Onor. Prim Imhallef, u mill-Imhallfin Onor. Anton Depasquale u Onor. Alberto J. Magri. Meta r-rikorrent talbet is-smiegh mill-gdid tal-appell, dawn it-tlieta warbu mill-kaz b`digriet tal-24 ta` Frar, 2005, u dan sabiex l-ilmenti tar-rikorrenti jigu kkunsidrati minn Qorti tal-Appell komposta differentement minn kif kienet meta tat is-sentenza. B`ordni mahruga fl-1 ta` Marzu, 2005, l-Eccellenza Tieghu, il-President tar-Repubblika hatar, biex jisma` l-kaz tar-rikorrenti, lill-Imhallfin Onor. Joseph D. Camilleri, Onor. Joseph Filletti, u Onor. Giannino Caruana Demajo. Din is-surroga saret,

kif jidher mill-istess ordni, mill-President tar-Repubblika *“kif rakkomandat”*.

Din il-Qorti tosserva li, ai termini tal-artikolu 12 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta), meta l-President tal-Qorti tal-Appell jastjeni milli jisma` kawza, postu jiehdu bis-sahha tal-istess ligi, *“l-imhallef anzjan fost l-imhallfin li jiffurmaw il-Qorti tal-Appell”*. F`dan il-kaz, dan kien l-Onor. Joseph D. Camilleri li, fil-fatt, ippresjeda l-Qorti tal-Appell ghas-smiegh tar-ritrattazzjoni ippresentat mir-rikorrenti. Is-surroga tieghu, allura, sehhet awtomatikament bis-sahha tal-ligi.

Dwar l-imhallfin l-ohra, din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt li dawn gew irrakomandati mis-Sinjorija Tieghu l-Onor. Prim Imhallef, li kien ghadu hemm astjena milli jippresjedi fis-smiegh ta` dan il-kaz. Kull imhallef ha l-istess gurament ta` imparzjalita` u indipendenza, u l-ghalza kellha issir minn fost gudikanti li jgawdu l-istess sigurta` u obbligi. L-ghazla, fi kliem iehor, kienet ta` tnejn fost ohrajn l-istess, u l-fatt li l-ghazla issir mill-Prim Imhallef hija, anzi, garanzija kontra indhil mill-esekuttiv fl-operat tal-gudikatura. Ma jirrizultax li l-imhallfin mghazula kellhom xi interess partikolari fil-kaz, u jekk jigi eleminat l-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia (li ma setghax joqghod fil-kawza fi stadju ta` appell peress li kien iddecieda l-istess kawza fi prim istanza), wiehed isib li z-zewg imhallfin l-ohra huma z-zewg imhallfin l-aktar anzjani li kien imiss. Ma jirrizultax, fi kliem iehor, li saret xi *“ghazla”*, imma semplicement gew surrogati dawk l-imhallfin l-aktar anzjani li setghu jisimghu l-kawza.

Fl-ahhar nett, ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-proceduri ta` ritrattazzjoni ma ezaminatx u ma ikkunsidratx mill-gdid il-meritu tal-pretenzjoni taghha. Il-Qorti tosserva li la l-Kostituzzjoni ta` Malta u lanqas il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma jaghtu dritt ghal smiegh doppju ghall-ilmenti tac-cittadin; dawn jesigu biss li fid-determinazzjoni ta` kwistjonijiet ta` natura civili, l-partijiet involuti jinghataw smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali. Dan inghata f`dan il-kaz.

Il-gurisprudenza trid, imbaghad, li jekk jinghata dritt ta` appell, il-procedura quddiem il-Qorti tal-Appell tirrispekkja wkoll id-dettami ta` smiegh xieraq.  Dan ukoll sehh f`din il-kawza ghax, kif intwera, wara appell interpost mill-konvenut, l-Onorabbli Qorti tal-Appell semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, u wara li ezaminat mill-gdid l-atti proceswali kollha, tat is-sentenza taghha. Il-kwistjoni ta` bejn il-partijiet giet ezaminata *funditus* f`zewg stadji u minn zewg Qrati separati, u kwindi r-rekwiziti ta` smiegh xieraq gew zgur sodisfatti.

Oltre dan, l-ordinament guridiku malti jipprovdi rimedju iehor fejn wiehed jista` jressaq il-lanjanzi tieghu, u dan fi proceduri ta` ritrattazzjoni.  Dan ir-rimedju, it-tielet wiehed, hu limitat ghal meta jirrizultaw zbalji fl-operat gudizzjarju, u mhux estiz ghat-trattazzjoni mill-gdid tal-meritu.  Dan ma jfissirx, pero`, li jkun qd jinholoq ksur tad-drittijiet fondamentali ta` xi parti fil-kawza.  Gia intwera li l-Ordinament malti jaghti aktar milli rikjest bhala minimu mill-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Konvenzjoni Ewropea, u dan billi jipprovdi, b`mod awtomatiku, ghal *doppio esame* ta` kull kawza.  Peress li, nonostante dan id-*doppio esame*, jistghu jirrizultaw zbalji jew nuqqasijiet procedurali, l-Ordinament jipprovdi ghas-smiegh mill-gdid ta` kawza jekk jirrizultaw l-izbalji jew nuqqasijiet kontemplati fil-ligi. Ebda parti, pero`, m`ghandha dritt tinsisti li l-kaz taghha jigi trattat ghat-tielet darba b`mod awtomatiku; dan il-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem ma tesighiex.

F`dan il-kaz, ir-rikorrent talbet ir-ritrattazzjoni tal-kawza, izda, wara ezami tal-atti proceswali, gie deciz li ma kien hemm ebda zball jew nuqqas fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta` Ottubru, 2004, u, ghalhekk, m`hemmx lok ta` smiegh mill-gdid tal-kawza.

Fil-proceduri ta` ritrattazzjoni, jkun hemm smiegh u trattazzjoni mill-gdid f`kaz biss li jirrizulta xi zball jew nuqqas, u la jezisti u lanqas ma hu mehtieg li jezisti dritt awtomatiku ghal *terzo ezame* tal-kaz.  Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Gerada vs Caruana”,

deciza fit-28 ta` Gunju, 1973, *"l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parte tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga` tqajjem kwestjonijiet rigward taghha u terga` tiftaha"*.

Id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-15 ta` Frar, 2006, hija konformi mal-ligi, u mhux kontra l-provedimenti u limiti tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------